# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 290 – It-Tnejn, 10 ta' Novembru, 2014

## AĠENDA

Talba

1. Korrezzjoni tal-Minuti

2. Punti li joħorġu mill-Minuti

3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti

4. Kuntratti

5. Mozzjonijiet

6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Clara Grixti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mariette Borg li tinsab indisposta minħabba raġunijiet ta' mard, u mingħand

il-Kunsillier Emanuel Cutajar li kien indispost minħabba xogħol urġenti. Is-Sindku ippropona li din it-talba tkun milqugħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 289 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Laqgħa għar-residenti taż-Żona ta' Kirċippu

Is-Sindku qal li din saret kif ippjanat u l-attendenza kienet waħda numeruża. Qal ukoll li qed isiru diversi ħidmiet biex il-proposti mħabbra lir-residenti fil-laqgħa jitwettqu.

### 2.2 Cleaning and Clearing of non-urban areas LCS 10/14

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet wasslet it-tweġiba tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, 7 ġimgħat wara li kienet saret it-talba għall-parir.

Is-Sindku ippropona li għandna nwieġbu li l-Kunsill ma jaqbilx ma' dan il-parir għar-raġuni li finanzjarjament ma jkunx jaqbel għall-Kunsill, u li mhux sewwa li nibqgħu nwettqu x-xogħolijiet imsemmija permezz ta' *direct orders*.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.3 Forum tal-Għaqdiet

Is-Sindku qal li l-laqgħa saret kif ippjanat u l-attendenza kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħa li jmiss se ssir il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2014.

### 2.4 Talba biex Triq l-Imqabba ssir *One-way*

Is-Sindku qal li hu żar is-sit diversi drabi, anki mal-Perit tal-Kunsill, kif ukoll tkellem mar-residenti tal-imsemmija triq. Il-ħtieġa li ssir one way tidher ċara, imma m'hemmx qbil lejn liema direzzjoni. Hemm ukoll il-problema tal-ilma li jinżel minn Triq Lapsi għal Triq Annabelle Vassallo għal Triq l-Imqabba.

Huwa qal li jridu jsiru t-tħejjijiet biex jinfetaħ l-aċċess ta' Triq Annabelle Vassallo, u b'hekk titaffa xi ftit il-problema tat-traffiku.

Diversi kunsilliera esprimew l-opinjoni li Triq l-Imqabba ssir one way min-naħa ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Is-Sindku qal li d-deċiżjoni għandha tittieħed wara li jitħejjew diversi *options* u ssir laqgħa mar-residenti.

### 2.6 Ċimiterju ta' San Teodoru

Is-Sindku qal li kif kien qal fl-aħħar seduta, kien kiteb darbtejn lill-Ministru Konrad Mizzi dwar l-istat diżastruż li jinsab fih dan iċ-ċimiterju u biex jitwaħħal ir-rixtellu li kien inqala' mill-ħaddiema tal-Gvern meta kien qed isir xogħol ta' ristawr.

Minkejja dan kien għadu ma rċieva l-ebda tweġiba, u għalhekk kif ġie deċiż fl-aħħar seduta kien se jqabbad lill-kuntattur tal-Kunsill biex inaddaf dan iċ-ċimiterju u immedjatament ir-rixtellu jingħalaq b'mod temporanju mill-Kunsill.

### 2.7 Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li hu flimkien mal-Perit tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit ta' Transport Malta, li min-naħa tagħha oġġezzjonat li ssir *zebra crossing* qrib Triq l-Andar. Dan minħabba l-periklu li toħloq. Għalhekk qed ikun propost li ssir aktar viċin Triq il-Ħsad. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill qed jinsisti li dan ma jkunx *zebra crossing* imma *Pelican Lights*.

Is-Sindku wkoll qal li ressaq il-proposta lil *Transport Malta* biex iż-*zebra crossing* li hemm viċin Dar iż-Żernieq jinbidlu f'*Pelican Lights*.

Il-Kunsill għadu qed jistenna t-tweġiba ta' Transport Malta.

## 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillir Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4 KUNTRATTI

### 4.1 Public Conveniences LCS 24/13

Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li huwa flimkien mal-Kunsillier Jesmond Tanti u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-kuntattur, u wara li l-Works Manager għamel sorveljanza aktar spissa, jidher li kien hemm titjib sostanzjali fis-servizz u għalhekk ippropona li dan il-kuntratt jiġġedded għat-tieni t-tieni sena tiegħu.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 Street Sweeping LCS 13/12

Is-Sindku qal li wkoll wara l-laqgħa li huwa flimkien mal-Kunsillier Jesmond Tanti u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-kuntattur, u wara li l-Works Manager għamel sorveljanza aktar spissa, jidher li kien hemm titjib sostanzjali fis-servizz u għalhekk ippropona li dan il-kuntratt jiġġedded għat-tielet sena tiegħu.

Huwa appella lill-Kunsilliera biex meta jaraw xi nuqqas jew ħtieġa ta' tindif ma joqgħodux jistennew is-seduta imma jikkuntattjaw direttament lill-kuntrattur u jagħmlu rapport mal-Customer Care Officer.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 Servizz ta' Accountant

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fl-10 ta' Jannar, 2015 kienet se tiskdadi t-tieni sena tal-kuntratt tas-servizz ta' accountant. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tielet sena tiegħu. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5 MOZZJONIJIET

### 5.1 Mozzjoni dwar Triq Ġdida fi Triq id-Demnuq u Triq ir-Rebbiegħa

Is-Sindku qal li kien se jressaq din il-mozzjoni wara talba li kellu minn residenti ta' Triq id-Demnuq wara li tlesta żvilupp fl-imsemmija triq li mistenni joħloq aktar konġestjoni tat-traffiku. Huwa qal ukoll li kien iltaqa' mas-sidien tal-art li fiha hija ippjanata t-triq u dawn urew li m'għandomx oġġezzjoni għal din il-proposta.

Il-Viċi-Sindku qal li hu għandu kunflitt ta' interess u għalhekk irtira mis-seduta.

Il-mozzjoni mressqa mis-Sindku taqra:

"Billi matul dawn l-aħħar snin fil-parti ta' ġewwa ta' Triq id-Demnuq kien għaddej żvilupp li la darba jitlesta ser iwassal biex jiżdiedu b'mod konsidervoli l-vetturi li jgħaddu minn u lejn din iż-żona tas-Siġġiewi;

"U billi huwa meħtieġ li tinfetaħ u tinbena triq ġdidabejn Triq id-Demnuq u Triq ir-Rebbiegħa u dan sabiex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku u jinħolqu aktar spazji għall-parkeġġ tal-vetturi f'din iż-żona tas-Siġġiewi;

"U billi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta hija responsabbli mill-ftuħ u l-bini ta' toroq ġodda;

"U billi s-sidien tal-artijiet li jinsabu fis-sit fejn hija indikata li tinfetaħ l-imsemmija triq, jaqblu li għandha tiġi esproprjata l-art meħtieġa għal din it-triq wara li huma jingħataw kumpens mill-Gvern;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn10 ta' Novembru 2014 jirriżolvi li jitlob lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex mill-iktar fis possibbli tiftaħ u tibni triq ġdida bejn Triq id-Demnuq u Triq ir-Rebbiegħa fis-Siġġiewi skont il-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni u dan wara li tkun saret l-espropjazzjoni tal-art meħtieġa u jkun sar il-ħlas tal-kumpens dovut lis-sidien.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onor. Joe Mizziu lir-residenti tat-toroq taż-żona bħala talba biex jiffirmaw dikjarazzjoni li permezz tagħha jagħtu l-appoġġ tagħhom għat-talba tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kif imfissra f'din il-mozzjoni."
Waqt diskussjoni dwar din is-seduta, kien hemm qbil li fejn hu possibli issir talba komuni għal diversi toroq oħrajn fosthom Patri Ġużé Delia, Triq Ġużeppi Busuttil, u Triq Dun Manwel Zammit.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.
Il-Viċi-Sindku reġa' daħal għat-tkomplija tas-seduta.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

**6.1 Talba għal erba' tappieri fi Pjazza San Nikola**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba mingħand l-Għaqda tan-Nar San Nikola biex jiżdiedu erba' tappieri oħra fil-pjazza sabiex ikun jista' jitkabbar it-tapit tal-logħob tan-nar lejlet il-festa ta' San Nikola.

Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tintlaqa'. Il-kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**6.2 Tiżjin tal-Milied mill-Grupp tal-Armar**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva offerta mill-Grupp tal-Armar biex jarmaw it-tiżjin tal-Milied fiż-żewġ toroq ewlenin waħda fuq kull naħa tal-Knisja Parrokkjali. L-offerta hija ta' €1,164.00.

Is-Sindku qal ukoll li barra dan irid jinxtara numru ta' bozoz ġodda. Huwa ippropona li għandna nilqgħu l-offerta u jinxtraw il-bozoz meħtieġa.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Apparat ta' amplifikazzjoni**
Is-Sindku ippropona li jinxtara apparat ta' amplifikazzjoni li jkun jista' jintuża fis-swali tal-Kunsill. L-ispiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €1,164.00.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Żjara ta' kortesija lill-President tar-Repubblika**
Is-Sindku ikkonferma li ż-żjara ta' kortesija lill-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro, President ta' Malta se ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' Novembru. Huwa ippropona li għandna nagħmlu stedina biex il-President tagħmel żjara uffiċjali lil-lokalità għal ħabta ta' Jum is-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Tabelli "No Entry" fi Triq il-Girgenti**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li t-tabelli "Noe Entry" fi Triq il-Girgenti għandhom jitkabbru. Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.6 Talba ta' Tlett Kwotazzjonijiet għall-istallazzjoni ta' CCTV Cameras**

Is-Sindku ippropona li għandna nitolbu tlett kwotazzjonijit għall-istallazzjoni u manutenzjoni ta' CCTV Cameras fiz-zoni fejn hemm il-Bring-in-Sites, kif kien diġà ġie diskuss f'seduti preċedenti.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.7 Appell dwar l-Irziezet fiż-żona ta' San Niklaw**

Is-Sindku qal li kien ippreżentat l-appell u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċirkola kopja tiegħu lill-kunsilliera. L-appell se jkompli jinstema' kmieni s-sena d-dieħla.

**6.8 Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima**

Is-Sindku ippropona li għax-xhur li ġejjin, inkomplu nużaw is-servizz tal-Wardens fil-ġranet tad-Duttrina. Barraminnhekk, se jsiru bollard kantuniera ma' Triq id-Demnuq, li se jibdew jieħdu ħsiebhom tal-Mużew.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.9 Żabra tas-siġar taċ-Ċimiterju**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm il-ħtieġa li s-siġar li hemm fit-triq biswit iċ-ċimiterju jiżabru. Is-Sindku qal li kien se jkellem lill-kuntrattur.

**6.10 Ilment dwar is-sit magħruf bħala "Tal-Ħofor"**

Il-Kunsillier Jesmont Tanti ilmenta dwar l-istat diżastruż fis-sit magħruf bħala "Tal-Ħaruf" faċċata tad-Dar tal-Providenza. Dan qed ikun ikkawżat minn razzett tal-baqar li minnu joskula l-ħmieġ fit-triq.

Is-Sindku qal li jidher li hemm diversi kawżi kontra s-sid u kien se jiċċekkja mal-awtoritajiet konċentrati.

**6.11 Kuntratt ta' forniment tal-*concrete***

Is-Sindku ippropona li għandna nerġgħu noħorġu sejħa għall-offerti ta' forniment tal-*concrete* għall-eventwalità li jkollna l-ħtieġa ta' tiswija fi sqaqien fil-kampanja.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.12 Talba għal aktar dawl fi Triq Salvatore Borg Olivier**

Is-Sindku ippropona li għandna nagħmlu talba mal-EneMalta għal żjieda fid-dawl tat-toroq fi Triq Salvatore Borg Olivier.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.13 Talba għal aktar dawl fi Triq l-Imqabba**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li hemm il-ħteġa li ssir talba lill-Enemalta biex jiżdied id-dawl fit-tarf ta' Triq l-Imqabba (Ta' Kandja)

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-it-Tnjen, 15 ta' Diċembru fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 13/10/14-10/11/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | vodafone | 92.70 | 92.70 | d | pf | 99762218 oct14 | 1.11.14 | | | | 2160 | 10456 |
| 2 | k.aquilina | 686.52 | 686.52 | d | pf | honoraria to mayor oct14 | 1.11.14 | | | | 1100 | |
| 3 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting public spaces oct14 inv35 | 30.10.14 | 35 | | | 3061 | 10458 |
| 4 | daniel cutajar | 624.34 | 624.34 | t | pf | bulky oct14 inv22 657.20-32.86mf | 31.10.14 | 22 | lcs14/12 | | 3042 | 10459 |
| 5 | p.cutajar | 51.40 | 51.40 | d | pf | wine laqgha ghaqdiet inv754909 | 15.10.14 | 754909 | | | 3340 | 10460 |
| 6 | melita | 13.05 | 13.05 | d | pf | tv connection oct14 inv100395894 | 1.10.14 | 100395894 | | | 3110 | 10461 |
| 7 | ch..schembri | 189.00 | 189.00 | d | pf | transport anzjani 4/10/14 inv1364935 | 4.10.14 | 1364935 | | | 3362 | 10462 |
| 8 | bestprint | 136.50 | 136.50 | d | pf | leaflets laqgha kircippu inv11061 | 17.10.14 | 11061 | | | 2610 | 10464 |
| 9 | dr r sladden | 118.00 | 118.00 | d | pf | legal fee case ta kandja invRS58/14 | 22.10.14 | rs58/14 | | | 3140 | 10465 |
| 10 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser inv588011 | 21.10.14 | 588011 | | | 3340 | 10478 |
| 11 | nvc | 336.93 | 336.93 | d | pf | operating materials inv5722 po104/107/1 | 14.8.14 | 5722 | | 107-126 | 2210 | 10466 |
| 12 | arms | 316.55 | 316.55 | d | pf | open gym fx mangion 15/7/14-12/9/14 | 26.10.14 | 19266756 | | | 2130 | 10467 |
| 13 | arms | 243.67 | 243.67 | d | pf | bowling pitch lapsi 9/7/14-8/9/14 | 25.10.14 | 19266716 | | | 2130 | 10467 |
| 14 | arms | 68.00 | 68.00 | d | pf | gnejnet l-armonija 9/7/14-8/9/14 | 25.10.14 | 19262868 | | | 2130 | 10467 |
| 15 | go | 41.22 | 41.22 | d | pf | 21465799/21465805 sept14 | 13.10.14 | 40321927 | | | 2160 | 10468 |
| 16 | go | 74.21 | 74.21 | d | pf | 21466000/21466036 sept14 | 13.10.14 | 40321932 | | | 2160 | 10468 |
| 17 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 sept14 | 13.10.14 | 40321918 | | | 2160 | 10468 |
| 18 | go | 85.71 | 85.71 | d | pf | 21468874 sept14 | 13.10.14 | 40321858 | | | 2160 | 10468 |
| 19 | pierre farrugia | 98.80 | 98.80 | d | pf | minerals po133/14 | 15.10.14 | 66 | | 133/14 | 3340 | 10469 |
| 20 | tctc | 62.78 | 62.78 | d | pf | distribution of flyers ikids2014 | 20.5.14 | 39135 | | | 3371 | 10470 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,973.46** | **€5,973.46** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,973.46** | **€5,973.46** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 291 tat-2/12/14**

Kunsillier

**Data: 13/10/14-10/11/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | vassallo photo studio | 25.00 | 25.00 | d | pf | photo service | 17.9.14 | 33 | | | 3372 | 10471 |
| 22 | 3d | 47.20 | 47.20 | d | pf | distribution flyers | 20.10.14 | 5544 | | | 2640 | 10472 |
| 23 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping oct14 | 30.10.14 | 22 | lcs13/12 | | 3051 | 10473 |
| 24 | ronald bezzina | 969.00 | 969.00 | t | pf | extra cleaning halxluq/festa gheneb/tal-pr | 27.10.14 | 21 | lcs13/12 | | 3051 | 10473 |
| 25 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping sept14 | 30.9.14 | 21 | lcs13/12 | | 3051 | 10473 |
| 26 | steelstructures | 45000.00 | 45000.00 | t | pf | contract civic centre payment 2014 | 29.10.14 | | lcs8/11 | | 7211 | 10451 |
| 27 | k.aquilina | 194.59 | 194.59 | d | pf | expenses avvizi lir-residenti | 31.10.14 | | | | 2940 | 10474 |
| 28 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works oct14 | 31.10.14 | lc-013 | lcs17/13 | | 3120 | 10487 |
| 29 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences oct14 | 4.11.14 | 12 | lcs24/13 | | 3053 | 10488 |
| 30 | avantech | 50.41 | 50.41 | d | pf | maintenance photocopier | 31.10.14 | 179755 | | | 3110 | 10475 |
| 31 | waste collection | 4446.02 | 4446.02 | t | pf | waste collection oct14 | 31.10.14 | 14/340. | lcs12/13 | | 3041 | 10476 |
| 32 | cir | 1206.08 | 1206.08 | d | pf | cir - oct14 | | | | | 1200 | |
| 33 | cir | 172.00 | 172.00 | d | pf | cir - oct14 | | | | | 1100 | |
| 34 | cir | 527.08 | 527.08 | d | pf | cir - oct14 | | | | | 1500 | |
| 35 | antonia aquilina | 159.75 | 159.75 | d | pf | attendance library oct14 25hrs x 6.39 | 31.10.14 | 10/14. | | | 2995 | 10477 |
| 36 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 5.11.14 | 589305 | | | 3340 | 10478 |
| 37 | mario callus | 383.50 | 383.50 | d | pf | minibus service outings anzjani | 6.11.14 | 335 | | | 3362 | 10463 |
| 38 | nexos | 2073.02 | 2073.02 | t | pf | street lighting repairs | 13.10.14 | 2010718 | lcs33/09 | | 2372 | 10479 |
| 39 | nexos | 2574.16 | 2574.16 | t | pf | street lighting repairs | 31.10.14 | 2010730 | lcs33/09 | | 2372 | 10479 |
| 40 | jgc | 130.95 | 130.95 | d | pf | replacement/repair of swings | 28.10.14 | 20 | | 134/14 | 2370 | 10480 |
| | **Sub Total c/f** | **€64,890.79** | **€64,890.79** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€5,973.46** | **€5,973.46** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€70,864.25** | **€70,864.25** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 291 tat-2/12/14**

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 290**

**Data:** **13/10/14-10/11/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack nov14 | 3.11.14 | 5039 | | | 3110 | 10481 |
| 42 | pavi | 6.59 | 6.59 | d | pf | tea/coffee | 31.10.14 | 1656690 | | | 3340 | 10482 |
| 43 | maltapost | 23.88 | 23.88 | d | pf | application for the grant of a business reply | | | | | 2650 | 10454 |
| 44 | nicholas ellul | 500.00 | 500.00 | d | pf | uzu raba laferla cross | | | lcs12/11/1 | | 2410 | 10452 |
| 45 | carmen micallef | 500.00 | 500.00 | d | pf | uzu ta raba laferla cross | | | lcs12/11/1 | | 2410 | 10453 |
| 46 | daniel aquilina | 774.29 | 774.29 | d | pf | depositu l-qorti kas xuereb bros | | | | | 3140 | 10455 |
| 47 | smart office | 114.93 | 114.93 | d | pf | stationery | | 13516 | | 138/14 | 2620 | 10483 |
| 48 | nicholas baldacchino | 95.00 | 95.00 | d | pf | fuel expenses oct14 | 31.10.14 | | | | 2750 | 10485 |
| 49 | vodafone | 63.41 | 63.41 | d | pf | 99491670 oct14 | 1.11.14 | 4323735112014 | | | 2160 | 10484 |
| 50 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses oct14 | 31.10.14 | | | | 2750 | 10486 |
| 51 | emidio camilleri | 1115.00 | 1115.00 | t | pf | cleaning lapsi bay june-sept14 | 1.11.14 | 1.10.14 | lcs24/13 | | 3053 | 10488 |
| 52 | employees | 5296.38 | 5296.38 | d | pf | salaries oct14 | | | | | 1200 | |
| 53 | milord | 3753.46 | 3753.46 | t | pf | cleaning non urban oct14 | 10.11.14 | 11 | lcs23/10 | | 3052 | 10489 |
| 54 | natasha mizzi | 387.00 | 387.00 | t | pf | cleaning council premises oct14 | 1.11.14 | 1.10.14 | | | 3055 | 10490 |
| 55 | perit neil felice | 1738.74 | 1738.74 | t | pf | servizz ta' perit | 10.11.14 | 21 | lcs19/13 | | 3130 | 10491 |
| 56 | olimpus music ltd | 959.60 | 959.60 | d | pf | pa system | 3.11.14 | d34783 | | 141/14 | 7310 | 10457 |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€15,715.08** | **€15,715.08** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,715.08** | **€15,715.08** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 291 tat-2/12/14**

Kunsillier